# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 10 tas-7 Leġislatura
## Illum il-Hamis 19 ta' Diċembru 2013

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, flimkien mal-Ambaxxattriċi taż-Żgħażagħ, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 10 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Update dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti
5. Proposta ta' Kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, u l-Kunsillier Mario Sammut, l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Elaine Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Elizabeth Ebejer kienet skużata.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Punti mill-Minuti**

1.2 dwar punt 5.4 : Clayton Gauci semma li kien hemm risposta pożittiva għall-private li ġiet organizzata għall-mixja/ġirja tal-president u ħafna nies għamlu użu minnha.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Memo 31/2013 - sabiex jiġi identifikat post biex fih iseħħ it-tiġdid tal-karta tal-identita' fix-xhur li ġejjin. il-Kunsill qabel li jiġi propost il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

2.4 Ġie diskuss il-kalendarju tal-ġbir ta' skart għall-btajjel pubbliċi fl-2014. Dan il-kalendarju issa ser jitqassam f' kull residenza sabiex wieħed ikun infurmat u jista' jipjana fit-tul.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 is-sindku informa li matul l-aħħar maltempata li saret kienet tkissret ir-rampa tal-Ġnejna. Is-Sindku semma' li iddiskuta mad-Direttur Ġenerali is-Sir Ray Farrugia u li l-għada kellha ssir laqgħa fuq il-post. Ittieħdu wkoll il-passi immedjati sabiex din il-parti tat-triq tingħalaq temporanjament sakemm jitwaħħlu tabbelli li javżaw bil-periklu u ir-rampa tittranġa.

3.2 Is-Sindku informa li kien ser ikollu laqgħa fuq il-post ma' Grima & Sons. (kuntratturi tal-marki tat-traffiku) fit-3 toroq li saru ġodda taħt l-iskema tal-PPP, biex jiġi diskuss x' xogħol għandu jsir f' dawn it-toroq.

3.3 Is-Sindku informa b' laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellu mas-Sur Joe Attard tal-GreenMT. Informa li it-tieni ġbir kien ser jibqa' fis-seħħ. Hemm il-ħsieb li jiġu irranġati. Hemm il-ħsieb li mill-flus allokati tal-Excess Tonnage, isir proġett fuq il-Bring-In Site ta' Triq San Pietru. Il-Kunsill approva li jinħareġ tender għall-dan il-proġett.

3.4 Is-Sindku informa li l-avukat tal-Kunsill flimkien mas-Sindku u il-Kunsillier Mario Sammut attenda għall-Appell tal-iżvillupp propost biswit it-tempju ta' Ta' Haġrat. Issa mistenni li l-MEPA tagħti id-deċiżjoni tagħha.

3.5 Is-Sindku informa li kien irċieva proposta privata ta' sit għall-organic waste f' sit privat. Hemm il-ħsieb li dan isir bħala pilot-project u li fih jilqa' skart ta' restaurants, bejjiegħa tal-ħaxix u oħrajn.

3.6 Is-Sindku ressaq rendikont tal-laqgħa li saret minn rappreżentanza tal-Kunsill lis-Segretarjat tal-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Michael Farrugia fil-Berġa ta' Kastilja dwar diversi proġetti li il-Kunsill għandu pendenti mal-MEPA. Semma' li din kienet laqgħa kordjali u effettiva.

**4. Update dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara l-aħħar sejħa tar-rubber flooring għal-playing-field ta' Triq l-Alwiża kienu ntalbu diversi kjarifiki mill-kuntratturi u ttieħdet inkonsiderazzjoni l-opinjoni teknika tal-perit u l-enġiniera tal-Kunsill. Wara dan, kien jidher li l-offerta tal-Forestals, li kienet ukoll l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża, kienet ukoll l-aħjar waħda. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Forestals u is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jinforma lill-kuntratturi in kwistjoni dwar dan.

**5. Proposta ta' Kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja**

5.1 Eman Vella informa li kien f' korrispondenza mas-Sur Centuro Frigniani, Segretarju Ġenerali tar-Regio Emilia. Kien hemm proposta fejn membri tal-Kusill iżuru Lagosanto bejn l-10 u 12 ta' Jannar filwaqt li rappreżentati tal-Comune iżuru Malta fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Frar 2014 għall-okkazzjoni ta' Ġieħ l-Imġarr.

5.2 Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u mal-fatt li jidħol fis-seħħ ftehim bejn iż-żewġ partijiet.

**6. Affarijiet Mixxelanji**

6.1 Is-Sindku ressaq proposta sabiex iċ-Ċimiterju jitkabbar. Il-Kunsill qabel dwar dan u is-sindku ser ikun qed ikellem lill-perit tal-Kunsill dwar din il-proposta.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kien ġie avviċinat minn Dame Francoise Tempra dwar eżibizzjoni artistika fil-bini tal-Kunsill lejn l-aħħar ta' Jannar. Il-Kunsill qabel u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ser jara li l-eżibizzjoni attwali dwar il-Preistorja tiġi konkluża sa' nofs Jannar.

6.3 Is-Sindku semma' li l-Kunsill kellu jesplora l-possibilta' li jixtri jew jikri vann għat-trasport tal-anzjani u minn ikun hemm bżonn.

6.4 Il-Kunsill iddiskuta u approva li tinħareġ sejħa sabiex jinxtraw file-server ġdid peress li dak li hemm kien antik ħafna u kien qed joħloq diversi problemi tekniċi, kif ukoll 2 computers għall-użu tal-istaff.

6.5 Is-Sindku semma' li sa' mill-2008 it-triq li twassal għas-silos f' Tal-Palma kien taħt encroachment. Is-Sindku semma' li kien ser jiċċekkja x' jista' jsir mad-Direttorat tal-Artijiet tal-Gvern.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 9 ta' Jannar 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku